# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 14**

**Rikors numru 224/21/2 GM**

**Paul Ciantar u Jeremy Ciantar**

**v.**

**Louis u Alberta *sive* Betty konjuġi Pace, Nathan Bartolo, u b'digriet tal-25 ta' April, 2022 ġie kjamat fil-kawża Mario Xuereb**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-atturi Paul u Jeremy Ciantar minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Settembru, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet kollha tal-istess atturi wara li ħelset lill-Nathan Bartolo u Mario Xuereb mill-ħarsien tal-ġudizzju u laqgħet l-ewwel

eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenuti Pace.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Marzu, 2021, l-atturi Paul Ciantar u ibnu Jeremy Ciantar qalu li huma kienu jmexxu flimkien il-pompa tal-petrol hekk magħrufa bħala *«Savoy Filling Station»* fit-Telgħa tas-Savoy, ġewwa Tas-Sliema.

3. Fissru li b'kitba tat-18 ta' Awwissu, 1994, huma biegħu lill-konvenuti Pace l-liċenzja ta' dik il-pompa tal-petrol, b'danakollu fit-tielet klawsola huma ftehmu li: *«kull deċiżjoni dwar in-natura tal-ġestjoni ta' tali station għandha tkun bi qbil bejn il-partijiet.»*

4. Irreferew ukoll għas-sitt klawsola tal-istess ftehim li fiha ngħad li:

> *«dan il-ftehim m'għandu bl-ebda mod jinftiehem li huwa xi forma ta' trasferiment ta' avvjament u kull drittijiet jew pretensjonijiet preżentement goduti jew li jistgħu eventwalment ikunu goduti huma tad-dritt esklussiv tal-vendituri salv biss it-trasferiment tal-liċenzja tal-Enemalta Corporation kif stipulat u soġġett skont dan il-ftehim.»*

5. Stqarrew li f'xi żmien qabel ma ressqu din il-kawża, huma saru jafu li l-konvenuti Pace ttrasferew il-liċenzja lill-konvenut l-ieħor Nathan Bartolo, u dan mingħajr ma kisbu l-kunsens tagħhom.

6. Komplew jgħidu li dan tal-aħħar applika u kiseb permess f'ismu

waħdu sabiex iċaqlaq il-pompa tal-petrol inkwistjoni minn ġewwa Tas-Sliema għal post ieħor fi Triq Ħal Qormi ġewwa Ħal Luqa.

7. Ilmentaw li dan kollu wassal biex huma spiċċaw tneżżgħu mid-drittijiet tagħhom fuq l-avvjament tal-pompa inkwistjoni, u minħabba f'hekk ġarrbu d-danni.

8. Fid-dawl ta' dan, l-atturi Paul u Jeremy Ciantar ressqu din il-kawża li biha talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenuti Pace ttrasferew lill-konvenut Bartolo il-liċenzja tal-pompa tal-petrol liema liċenzja ġġib in-numru KPRS 62 nonostante illi kemm il-konvenuti Pace kif ukoll il-konvenut Bartolo kienu jafu li dan ma setax isir mingħajr il-kunsens tal-atturi kif jirriżulta minn skrittura privata datata 18 ta' Awwissu 1994 li kienu konsapevoli tagħha l-konvenuti kollha.*
>
> *2. Tiddikjara illi minħabba f'dan il-konvenuti bejniethom ikkawżaw danni lill-atturi.*
>
> *3. Tillikwida d-danni kkawżati lill-atturi.*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment u l-imgħax u l-konvenuti in subizzjoni.»*

9. Bi tweġiba maħlufa mressqa fil-21 ta' April, 2021, il-konvenuti Louis u Alberta *sive* Betty Pace, wieġbu għall-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> *1. Permezz tal-iskrittura datata 18 ta' Awwissu 1994, esibita mill-atturi bħala Dok. A, l-istess atturi kienu* ***biegħu*** *lill-esponenti l-liċenzja maħruġa lilhom mill-Korporazzjoni Enemalta, liema liċenzja kienet f'dak iż-żmien, ġestita mill-pompa tal-petrol li kien hemm fit-telgħa tas-Savoy, Tas-*

*Sliema. B'hekk mal-bejgħ tal-liċenzja l-atturi tilfu kull dritt fuq l-istess liċenzja, u din saret proprjetà tal-konvenuti Pace.*

*Illi malli xtraw il-liċenzja, il-konvenuti kellhom kull dritt li l-liċenzja jagħmlu biha li jridu u jbiegħuha lil min iridu, u l-atturi, li tħallsu tal-liċenzja ma jistgħux jippretendu li għad għandhom xi jedd fuq l-istess liċenzja.*

*Illi minn qari akkurat ta' klawsoli 3 u 6 tal-istess skrittura, jirriżulta li saret distinzjoni bejn il-liċenzja per se, u l-avvjament tal-Filling Station. Inkwantu jirrigwarda avvjament kien għad hemm obbligu ta' konsultazzjoni mas-sekwestranti. Però dan ma affettwax il-bejgħ tal-liċenzja, li ġiet eskluża mill-avvjament. Fil-fatt Klawsola 6 tagħmilha ċara li ma kienx hemm trasferiment ta' avvjament bl-eċċezzjoni però tal-liċenzja: «SALV BISS IT-TRASFERIMENT TAL-LIĊENZJA TAL-ENEMALTA CORPORATION...»*

*2. Illi barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Lulju 2019, fl-ismijiet Cuschieri vs Ciantar et l-atturi ġew żgumbrati mill-istess pompa tal-petrol u ġie deċiż li ma kellhom ebda dritt fuq l-istess, u kwindi, lanqas baqa' jeżisti ebda avvjament li wieħed seta' jitkellem dwaru. Kopja ta' din is-sentenza qed tiġi hawn annessa bħala Dok. LP1 u minnha wieħed japprezza li fil-fatt it-titlu ta' kera vantat minn Ciantar fuq l-istess pompa kien għalkollox monk, u huma qatt ma kellhom dritt jokkupaw l-istess.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-konvenuti Pace kien limitat biss għall-bejgħ tal-liċenzja li huma xtraw u huma bl-ebda mod ma kisru d-dispost tal-iskrittura minnhom iffirmata.*

*Illi b'hekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

10. L-għada 22 ta' April, 2021, il-konvenut Nathan Bartolo ressaq ukoll it-tweġiba maħlufa tiegħu għal din il-kawża, li fiha qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, l-esponent ma kienx parti mill-iskrittura privata tal-1994 li fuqha hija msejsa l-pretensjoni attriċi, u għalhekk sa fejn jikkonċerna lilu, dan il-kuntratt huwa res inter alios acta u ma jiffurmax stat fil-konfront tiegħu, bil-konsegwenza li l-esponent mhuwiex leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi.*

*2. Barra minn hekk, l-esponent mhuwiex leġittimu kontradittur ukoll għaliex, kuntrarjament għal dak li jippremettu l-atturi, huwa ma għandu ebda rabta ġuridika mal-konvenuti l-oħra Pace, billi huwa ma akkwistax l-imsemmija liċenzja mingħandhom iżda mingħand terz li kien akkwista mingħand Pace.*

*Konsegwentement ukoll, il-pretensjoni tal-atturi hija se mai u fl-agħar ipoteżi valida biss fil-konfront tal-konvenuti Pace jekk jirriżulta li wettqu xi għemil bi ksur tal-iskrittura privata msemmija, iżda ma tiswiex fil-konfront tal-esponent li qatt ma kkuntratta la mal-atturi u lanqas mal-konvenuti l-oħra, u għalhekk żgur li ma jistax jiġi misjub responsabbli għal danni minħabba inadempjenza kuntrattwali.*

*3. F'kull każ, u bla ħsara għall-premess, l-iskrittura tal-1994 bl-ebda mod ma kienet tinibixxi lill-konvenuti l-oħra Pace milli jittrasferixxu l-liċenzja tal-pompa tal-petrol. Għall-kuntrarju, minn din l-iskrittura jirriżulta li l-atturi ttrasferew lill-konvenuti l-oħra Pace l-liċenzja inkwistjoni bil-prezz ta' Lm20,000 b'mod finali u definittiv u ma rriżervaw ebda drittijiet fir-rigward.*

*4. Mingħajr preġudizzju għall-permess, u f'kull każ, l-esponent ma kkawża ebda danni lill-atturi.*

*5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjoni tal-attur hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru bin-numru 3801/2021, kontra l-atturi.»*

11. B'rikors imressaq fil-21 ta' April, 2022 (f'paġna 213 tal-atti tal-kawża), l-atturi Paul u Jeremy Ciantar talbu lill-Qorti sabiex issejjaħ fil-kawża lil Mario Xuereb. Ir-raġuni wara din it-talba kienet li mill-ġbir tal-provi ħareġ li n-negozju dwar it-trasferiment tal-liċenzja ma sarx direttament bejn Pace u Bartolo, iżda bejn il-miżżewġin Pace u Mario Xuereb, li mbagħad reġa' biegħ lil Bartolo.

12. B'digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-25 ta' April, 2022, l-Ewwel Qorti, wara li rat in-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tal-konvenuti, laqgħet it-talba tal-atturi u sejħet fil-kawża lil Mario Xuereb (ara l-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2022, f'paġna 214 tal-atti tal-kawża).

13. Bi tweġiba maħlufa mressqa fil-21 ta' Ġunju, 2022, Mario Xuereb laqa' għall-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, l-eċċipjenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur għar-raġuni li l-eċċipjenti mhuwiex parti mill-iskrittura privata mertu tal-kawża odjerna, ossia dik tat-18 ta' Awwissu 1994, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u dawk sussegwenti, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-istess eċċipjenti u l-atturi, kif ser jiġi aħjar muri fil-mori tal-kawża, u għalhekk filwaqt li l-eċċipjenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni li t-talba attriċi hija bażata fuq it-trasferiment tal-«liċenzja tal-pompa tal-petrol» liema liċenzja kienet inbiegħet mill-atturi lill-konvenuti Pace ai termini ta' skrittura privata datata 18 ta' Awwissu 1994 u dwar liema liċenzja l-atturi ma żammew ebda jedd anzi kif jirriżulta minn paragrafu 1, 2 u 6 tal-istess skrittura, il-liċenzja ġiet trasferita b'mod definit mingħajr ebda riżerva. Illi l-eċċipjenti akkwista din il-liċenzja mingħand il-konvenuti Pace (u ma kienx parti fl-iskrittura surriferita). Illi għalhekk la darba t-talbiet attriċi huma bażati fuq it-trasferiment tal-«liċenzja tal-pompa tal-petrol», liema liċenzja ġiet debitament trasferita mill-atturi stess, ebda dannu ma seta' qatt ġie rekat lill-atturi u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni li l-atturi qed jonqsu milli jiddistingwu bejn in-natura tal-«liċenzja» u dik tal-«avvjament» u infatti l-atturi qed iħawwdu waħda mal-oħra. Kif jirriżulta mill-istess skrittura privata mertu tal-kawża odjerna, il-liċenzja li ġiet trasferita hija deskritta bħala u hija marbuta mal-ħażna u bejgħ ta' petrol mill-post magħruf bħala Savoy Filling Station (ara paragrafu 1 tal-iskrittura) filwaqt li l-avvjament huwa marbut unikament mal-«bejgħ ta' prodotti petroliferi, car spare parts inklużi tyres, u wkoll għall-ipparkjar ta' karrozzi.» (ara parag.3). Illi n-negozju bejn il-konvenuti Pace u l-eċċipjenti u kif ukoll bejn l-eċċipjenti u l-konvenut Nathan Bartolo bl-ebda mod ma kien jinkludi l-avvjament kif deskritt fl-iskrittura. Illi l-atturi qed iħawwdu l-kundizzjonijiet tal-avvjament ma' dawk tal-liċenzja meta fil-fatt dawn huma distinti u ġew anke deskritti b'mod distint fl-iskrittura privata (ara parag. 3 u 4 tal-iskrittura). Illi del resto dan l-avvjament ukoll intilef permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 15 ta' Lulju 2019. Illi għalhekk it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk*

*sussegwenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi stante li infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni li fi kwalunkwe każ, l-eċċipjenti ma kkaġuna l-ebda danni lill-istess atturi u lanqas ma huwa responsabbli għal ebda allegati danni riklamati mill-atturi.*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, u fi kwalunkwe każ, l-atturi jeħtiġilhom iressqu l-aħjar prova tal-allegata responsabbiltà tal-eċċipjenti u tal-allegati danni minnhom reklamati u kif ukoll jeħtiġilhom iressqu prova tan-ness bejn l-aġir tal-eċċipjenti u d-danni allegatament sofferti minnhom. L-eċċipjenti jeċċepixxi illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li ma hemm l-ebda ness bejn id-danni allegatament subiti u l-aġir tal-eċċipjenti.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-istanza attriċi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*B'riżerva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi.»*

14. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari kemm tal-konvenut Nathan Bartolo, kif ukoll dik tal-imsejjaħ fil-kawża Mario Xuereb, u fid-dawl ta' dan ħelsithom milli jibqgħu aktar fil-kawża; (ii) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Louis u martu Alberta Pace; u (iii) ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi Louis u ibnu Jeremy Ciantar, bl-ispejjeż tal-kawża kontrihom.

15. L-Ewwel Qorti wasslet għal din id-deċiżjoni fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:

*«Ċertu Edgar Cassar kellu l-liċenzja tal-pompa kif ukoll l-inkwilinat tal-garaxx imsemmija fir-rikors ġuramentat. B'kuntratt tal-**24 ta' Jannar 1992** l-atturi xtraw mingħandu l-avvjament tal-pompa, il-liċenzja u l-pussess tal-garaxx.*

*Fit-**18 ta' Awwissu 1994** saret skrittura privata bejn l-atturi u l-konvenuti*

*konjuġi Pace. Fiha jingħad, fis-sustanza, dan li ġej:*

*(i) Fil-parti preambolari, hemm iddikjarat li:*

> *(a) L-atturi għandhom liċenzja biex jaħżnu l-petrol mill-indirizz 3 Triq Belveder Sliema u jbiegħuh minn żewġ pompi mill-post magħruf bħala Savoy Filling Station.*
>
> *(b) Edgar Cassar għandu l-inkwilinat tal-garaxx numru 3 Triq Belveder Sliema anness mas-Savoy Hotel.*

*(ii) Permezz ta' paragrafu numru 1, ġie miftiehem li l-atturi «**qegħdin jittrasferixxu lill-kumpraturi**» konjuġi Pace (konvenuti) «**il-liċenzja maħruġa mill-Enemalta Corporation għal** (recte: għall-) **ħażna u bejgħ ta' petrol mill-post magħruf bħala Savoy Filling Station**». Ix-xerrejja ħallsu «**korrispettiv**» ta' Lm20,000 u ngħataw riċevuta.*

*(iii) Permezz ta' paragrafu numru 3, ġie miftiehem li:*

> *(a) «**l-partijiet jaqblu li jmexxu s-Savoy Filling Station**» għall-bejgħ ta' prodotti petroliferi, spare parts tal-karozzi, u pparkjar tal-karozzi.*
>
> *(b) «**Kull deċiżjoni dwar in-natura tal-ġestizzjoni**» (sic) «**ta' tali station għandha tkun bi qbil bejn il-partijiet.**»*
>
> *(c) «**L-ebda tibdil strutturali ma jista' jsir f'dan il-garage mingħajr il-kunsens tal-partijiet kollha.**»*

*(iv) Skont paragrafu numru 4, l-ispejjeż kollha relatati mal-pompa kienu a kariku tax-xerrejja; il-bejjiegħa jħallsu biss «**il-pagamenti li għandhom dovuti lil Edgar Cassar**.»*

*(v) Il-paragrafu 5 jikkonsisti f'dikjarazzjoni li l-iskrittura ma taffettwax l-inkwilinat tal-garaxx.*

*(vi) Il-paragrafu 6 jistipula li ma kien qiegħed isir l-ebda forma ta' trasferiment tal-avvjament «**salv biss it-trasferiment tal-liċenzja.**»*

*(vii) Skont paragrafu 7, il-perjodu ta' tmexxija kien għal 27 sena li seta' jiġġedded bi ftehim bejn il-partijiet.*

*(viii) Skont paragrafu 8, ix-xerrejja ma kellhom ebda pretensjoni kemm-il darba t-tmexxija tal-pompa tiġi mfixkla jew imwaqqfa minħabba xi azzjoni tas-sidien tal-garaxx.*

*Bi skrittura tat-**8 ta' Jannar 2018** Louis Pace ttrasferixxa l-permess fuq imsemmi lil Mario Xuereb bil-korrispettiv ta' €400,000 (Fol. 197).*

*Fit-8 ta' April 2019 inħarġet liċenzja f'isem Bilom Service Station Limited*

*wara applikazzjoni għal trasferiment iffirmata minn Xuereb u Bartolo (Fol 257).*

*B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2019 l-atturi ġew żgumbrati mill-garaxx fuq imsemmi.*

*B'att pubbliku tat-23 ta' Lulju 2019, Mario Xuereb biegħ lil Bilom Service Station Limited, kif rappreżentata minn Laura Bartolo u Nathan Bartolo, porzjon art fi Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa.*

*Skont l-iskrittura, il-perjodu ta' tmexxija skada fit-**18 ta'Awwissu 2021**.*

***F'Novembru 2023** sar decommissioning report għas-Savoy Service Station.*

*Fl-affidavit tiegħu, l-attur Paul Ciantar jgħid li wara li akkwista l-pompa tal-petrol, beda jimrad. Ibnu ażmatiku u l-irwejjaħ tal-petrol jagħmlulu l-ħsara. Għalhekk hu u Paul Pace ftehmu «**li nkomplu nħaddmu l-pompa bi sħab.**» Billi ma setax jattendi kuljum ftehmu li ma jaqsmux il-profitti. Minflok, ftehmu li Pace jagħtih Lm400 fix-xahar sakemm titħallas is-somma ta' Lm50,000. Pace għalaq il-pompa għal diversi snin. Sar jaf li Pace applika biex il-liċenzja tiġi rilokata għal Triq Ħal Qormi, Luqa. Talab lil Pace u Bartolo biex jgħaddilhom (recte: jgħaddulu) «**sehmi mill-avvjament.**»*

*Sentejn wara, l-attur ġie kontroeżaminat, l-ewwel mill-Avukat Michael Grech. Mistoqsi għalfejn ittrasferixxa l-liċenzja jekk ried li jdaħħal xi ħadd bi sħab miegħu wieġeb li ma kienx iktar jiflaħ jaħdem (fol. 344). Mistoqsi jekk hux vera li fil-fatt biegħ kollox, l-ewwel wieġeb li biegħ kif kien hemm fil-kuntratt. Imbagħad kompla jgħid li «**L-isħab tagħna… kien illi l-pompa tiġi kollha f'idejn Louis, inżommu l-avvjament aħna u nibqgħu nittawlu biex naraw jekk l-affarijiet humiex sejrin sewwa.**» Il-pagamenti ta' Lm400 Pace kien iħallsu biċ-ċekkijiet. Kien hemm ftehim verbali li Louis kellu jinfurmah b'kull ċaqlieq li jsir dwar il-pompa (fol. 346). Qabel ma' dak li ġie ssuġġerit lilu li ma kien hemm l-ebda kundizzjoni marbuta mal-bejgħ tal-liċenzja; il-kundizzjoni saret biss dwar il-garaxx billi kien għadu jgħajjat fuq Edgar Cassar bħala inkwilin u Edgar Cassar kien ftiehem mal-attur li seta' jibqa' juża l-garaxx sakemm jibqagħlu titlu. Għalhekk l-attur ma setax jgħaddi t-titlu tal-garaxx (fol. 346).*

*Imbagħad sarlu kontroeżami minn Dr. Kris Borg, fejn stqarr li hu u Pace ma kinux bi sħab, imma sempliċement kienu jmexxu l-pompa flimkien. La ħareġ spejjeż u lanqas ħa profitti. Il-pagamenti ta' Lm400 ma kinux biex jikkumpensaw għall-profitti iżda għal parti ma tidhirx tal-prezz tal-liċenzja tal-petrol (fol. 349). Stqarr li ma kienx jaf li l-garaxx kien mikri fil-1948 bil-patt li ma tistax issir sullokazzjoni.*

*Ċaħad li l-iskrittura ma' Louis Pace ġiet redatta b'mod li taparsi l-attur kien għadu b'xi mod involut biex jevita dik il-klawsola.*

*Il-konvenut Louis Pace xehed li l-attur qatt ma kkontribwixxa għall-ispejjeż u lanqas tħallas (fol. 283).*

*L-iskrittura, li hija ffirmata mill-partijiet biss, mingħajr ix-xhieda ta' avukat jew nutar, hija waħda tassew stramba u ambigwa. Stramba għaliex l-atturi biegħu l-liċenzja filwaqt li żammew l-avvjament. Ambigwa għaliex ġiet stabbilita ġestjoni konġunta; filwaqt li m'hemmx ftehim espress ta' sħubija. Filwaqt li hemm stipulat li l-ispejjeż kollha, għajr il-ħlas lil Edgar Cassar tal-okkupazzjoni tal-garaxx, iħallashom ix-xerrej, m'hemm l-ebda aċċenn għal min kellu jieħu l-qligħ, jew ibati t-telf tan-negozju tal-pompa. In kontroeżami l-attur ipprova jagħti lill-Qorti x'tifhem li kien jirċievi pagamenti ta' Lm400 bħala sehmu mill-qligħ. Dan ma jirriżultax mill-iskrittura. Irriżulta li dawn il-pagamenti ma kienu għall-qligħ xejn imma kienu parti mill-prezz moħbi tal-liċenzja. Fil-fehma tal-Qorti, kollox jindika li l-atturi rħew kollox minn taħt idejhom u li l-klawsola tal-avvjament u l-ġestjoni konġunta saret biex tostor dan il-fatt sabiex ma jintilifx il-pussess tal-garaxx.*

*It-talba tal-atturi hi għad-danni li jallegaw li sofrew bit-telf tad-dritt tagħhom tal-avvjament b'konsegwenza tat-trasferiment tal-liċenzja għal fuq post ieħor. Jallegaw, li skont l-iskrittura, kien hemm bżonn il-permess tagħhom għat-trasferiment tal-liċenzja.*

*Il-Qorti ma tistax taċċetta din l-allegazzjoni, għal diversi raġunijiet:*

*(i) Fl-iskrittura, m'hemm miktuba l-ebda kundizzjoni bħal din.*

*Jinsab preskritt fl-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** illi:*

> ***«Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.»***

*Il-Qorti tal-Appell, Sede Kummerċjali, qalet li:*

> *«**Dik il-preżunzjoni mhijiex iuris tantum, imma iuris et de iure**, u hija **ntiża biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwistjonijiet tal-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi.**» (Ara Dibattiti tal-Assembleja Leġislattiva, Vol. 21, tas-sena 1932 -33, p. 737, it-tieni kolonna).*

*Jidher iżda li f'sentenzi oħrajn, il-prinċipju contra scriptum testimonium non scriptum non fertur ġie mrattab, anke jekk bi ftit. Intqal li l-prinċipju jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali; f'każijiet ta' simulazzjoni; żball fl-iskrittura; l-eluċidazzjoni ta' xi punt oskur jew ambigwu; jew tal-prova ta' xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli mal-iskrittura. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ preżenti, il-Qorti ma ssib l-ebda prova li twassalha biex tqis li kien hemm kundizzjoni impliċita bħal dik li jallegaw l-atturi. L-atturi huma, jew kienu fiż-żmien tal-iskrittura, negozjanti u l-Qorti ssibha ferm inverosimili li ftehmu fuq kundizzjoni importanti bħal din iżda ma niżżluhiex fl-iskrittura.*

*(ii) Jidher mill-atti proċesswali li l-atturi rħew kollox minn idejhom u li r-riżerva tad-dritt tal-avvjament aktarx kienet messa in xena biex jiġi salvat il-ħanut, kif diġà spjegat.*

*(iii) B'avvjament kummerċjali wieħed jifhem il-kapaċità ta' kumpless azjendali li tagħmel profitt, kawża ta' fatturi oġġettivi u/jew soġġettivi tagħha. Il-fatturi soġġettivi jiddependu mill-ħila ta' min jiġġestiha li jiġbed il-klijentela. Il-fatturi oġġettivi ma jiddependux minn din il-ħila, bħal-lokal li fih tkun tinstab, u l-liċenzji. L-atturi żammew id-dritt tal-avvjament, «salv biss it-trasferiment tal-liċenzja tal-Enemalta Corporation kif stipulat u soġġett skont dan il-ftehim.» (Klawsola Numru 6 tal-Iskrittura). Għalhekk, il-liċenzja, għalkemm parti oġġettiva – u importanti ħafna - tal-avvjament, ġiet ittrasferita lill-konjuġi Pace mill-atturi, soġġett għal dak li jingħad fl-iskrittura. Dwar din il-liċenzja, fl-iskrittura kien hemm l-obbligu tal-ħlas tal-prezz – li tħallas minnufih – u xejn iktar.*

*Ftehim hu liġi bejn il-partijiet. Il-konvenut Nathan Bartolo u l-imsejjaħ fil-kawża Mario Xuereb ma kinux parti fl-iskrittura u għalhekk bħala res inter alios acta ma joħloq l-ebda obbligazzjoni fil-konfront tagħhom. Lanqas biss kienu jafu bl-iskrittura. Ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-atturi.»*

16. L-atturi Paul u Jeremy Ciantar appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-26 ta' Ottubru, 2023, u hemmhekk huma talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tagħhom jew inkella tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tillikwida d-danni mfittxija minnhom.

17. Bi tweġiba mressqa fil-21 ta' Novembru, 2023, il-konvenut Nathan Bartolo wieġeb għall-appell tal-atturi Ciantar billi ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

18. B'żewġ tweġibiet oħra mressqin fit-30 ta' Jannar, 2024, u fil-15 ta' Frar, 2024, Mario Xuereb u l-miżżewġin Pace, rispettivament, wieġbu għall-appell tal-atturi u hemmhekk huma wkoll talbu lil din il-Qorti sabiex

tiċħad l-appell. B’żieda ma’ dan u billi huma qegħdin iqisu li dan l-appell tressaq fil-vojt u b’inkejja, dawn talbu wkoll lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-istess atturi appellanti jħallsuhom l-ispejjeż ta’ din il-proċedura għal darbtejn.

19. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b’riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. L-atturi appellanti qegħdin iressqu tliet aggravji mis-sentenza appellata.

21. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>**, li fih l-appellanti qegħdin jilmentaw li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-fatti għar-raġuni li biċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom, dik il-Qorti spiċċat biex warrbet għalkollox il-prinċipju ta’ *pacta sunt servanda* u tat interpretazzjoni ta’ kif dehrilha hi tal-ftehim tat-18 ta’ Awwissu, 1994.

22. L-atturi appellanti jisħqu li skont l-**Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili**, il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom is-saħħa tal-liġi għal dawk li

jkunu għamluhom, u ma jistgħux jitħassru ħlief bil-kunsens tal-partijiet. Jargumentaw ukoll li l-ftehim inkwistjoni huwa ċar, u għalhekk ma kienx hemm lok fejn issir xi interpretazzjoni tiegħu mill-Ewwel Qorti.

23. Bil-għan li jsaħħu dak li qegħdin jgħidu, l-appellanti jirreferu kemm għall-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll jirriproduċu siltiet twal mis-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Sebastian Darmanin Kissaun v. Kenky Cars Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Ottubru, 2023, u dik ta' ***Marika Mizzi v. Dr. Joseph Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022.

24. Fid-dawl ta' dan kollu, l-atturi appellanti jinsistu li ġaladarba l-Ewwel Qorti kellha quddiemha klawsola fil-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994, li kienet taqra illi: ***«kull deċiżjoni dwar in-natura tal-ġestjoni ta' tali station għandha tkun bi qbil bejn il-partijiet»***, allura dik il-Qorti ma messhiex daħlet fir-raġuni għalfejn dak il-ftehim tfassal b'dak il-mod.

25. F'dan l-isfond, l-appellanti jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti osservat li l-iskrittura inkwistjoni kienet *«[s]tramba għaliex l-atturi biegħu l-liċenzja filwaqt li żammew l-avvjament. Ambigwa għaliex ġiet stabbilita ġestjoni konġunta; filwaqt li m'hemmx ftehim espress ta' sħubija.»* Jirraġunaw li stramba jew mhix, il-ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet kien sewwasew dak li tniżżel bil-mitkub, u huwa

dak li kellu jiġi rispettat bħala liġi bejn il-partijiet.

26. L-atturi appellanti jagħlqu l-aggravju tagħhom billi jargumentaw li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kellha tkun li ġaladarba l-konvenuti Pace kienu ntrabtu li jieħdu kull deċiżjoni flimkien magħhom, u dawn naqsu milli jagħmlu hekk f'deċiżjoni daqshekk importanti, li fi kliemhom kienet tfisser it-tmiem tan-negozju, mela allura dawn huma responsabbli għad-danni li huma ġarrbu b'konsegwenza ta' dak in-nuqqas.

27. Din il-Qorti filwaqt li titlaq billi taqbel mal-appellanti li s-sinsla tal-liġi tal-kuntratti hija tabilħaqq miġbura fil-prinċipju ta' *pacta sunt servanda,* li fi kliem aktar sempliċi jfisser li ftehim ta' bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi, fl-istess waqt però l-appellanti jeħtiġilhom jiftakru li tali prinċipju għandu jitħaddem *pari passu* ma' prinċipju daqstant ieħor ewlieni fil-liġi tal-kuntratti — dak li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba (ara ***Avv. Nicholas Valenzia noe v. Hermes Aviation Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

28. Dan il-prinċipju tal-aħħar, li huwa miġbur fl-**Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili**, jitlob li fit-twettiq tal-kuntratti mhuwiex permess għal xi waħda mill-partijiet li tagħti tifsira lil xi kelma tal-kuntratt li tiġi f'kontradizzjoni mal-għan u l-ispirtu tal-ftehim kollu (ara ***Emanuel Bonello v. Joseph Ciantar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Frar, 2008.

29. Tassew, meta parti tipprova ddawwar it-tifsira ta' xi klawsola ta' ftehim bil-mod ta' kif ikun jaqblilha l-iktar fis-sitwazzjoni li tkun tinsab fiha, dik il-parti mhux biss tkun qiegħda tonqos mill-obbligu tagħha li twettaq il-ftehim b'rieda tajba, iżda fl-aħħar mill-aħħar tkun qiegħda tkasbar il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* li l-atturi appellanti qegħdin tant jisħqu dwaru.

30. Il-prinċipju li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba, jġib ukoll miegħu ir-responsabbiltà fuq il-partijiet li jfissru l-kuntratti b'tali mod li jkunu jagħmlu sens, u kemm jista' jkun bil-*buon sens* (ara f'dan is-sens ***Fair Trading Limited v. Green MT Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2023 u ***Angelo Spiteri pro et noe v. Andrew Cilia et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2016).

31. Sabiex jista' jsir dan, parti f'kuntratt ma tistax tixħet għajnejha fuq xi silta minn klawsola, u tinterpretaha daqslikieku hemm miġbur fiha l-ftehim kollu ta' bejn il-partijiet. Mod ieħor, il-klawsoli f'kuntratt għandhom jinqraw u jinftehmu fid-dawl tal-bqija tal-klawsoli li jkun hemm fil-kuntratt, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu meqjusa f'kuntest sħiħ u organiku (ara ***Kunsill lokali Victoria v. Gatt Asphalting Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024).

32. F'dan il-każ, l-atturi appellanti, mhux talli qegħdin jibnu l-każ kollu tagħhom fuq klawsola waħda minn ftehim sħiħ, iżda saħansitra fuq silta żgħira minn dik l-istess klawsola.

33. Fis-sewwa, klawsola 3 tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994 (ara Dok A, f'paġna 6 tal-atti tal-kawża), ma tinkludix biss il-parti li qegħdin jirreferu għaliha l-atturi appellanti, iżda taqra bil-mod kif ġej:

> «***3. Il-partijiet jaqblu illi jmexxu s-Savoy Filling Station għall-użu esklussiv ta' bejgħ ta' prodotti petroliferi, car spare parts inklużi tyres, u wkoll għall-ipparkjar ta' karozzi. Kull deċiżjoni dwar in-natura tal-ġestizzjoni (sic!) ta' tali station għandha tkun bi qbil bejn il-partijiet. L-ebda tibdil strutturali ma jista' jsir f'dan il-garage mingħajr il-kunsens tal-partijiet kollha u dan jgħodd ukoll għat-twaħħil ta' signs posters u forom oħra senjalitiċi.***»

34. Għalkemm l-atturi appellanti qegħdin jisħqu li din il-klawsola hija ċara, din il-Qorti ma taqbilx. Anzi jidhrilha li kemm it-tifsira li qiegħda tingħata mill-atturi appellanti, kif ukoll dik mogħtija mill-konvenuti appellati mhijiex għalkollox mingħajr l-ebda ħsieb warajha. Dan huwa għalhekk każ fejn il-klawsola inkwistjoni tista' tingħata aktar minn tifsira waħda.

35. F'sitwazzjoni bħal din, ir-regoli dwar l-interpretazzjoni tal-kliem ta' kuntratt jiddettaw li mhijiex l-interpretazzjoni tal-partijiet li tgħodd. Mod ieħor, dak li jħoll u jorbot kollox huwa l-qari oġġettiv tal-ġudikant li għandu jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ikun ġie użat mill-partijiet li jkunu kkuntrattaw (ara ***John Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u

***Karmenu Vella v. General Workers Union*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Settembru, 2015).

36. Fir-regoli tal-interpretazzjoni tal-kuntratti fil-**Kodiċi Ċivili** nsibu li f'każ li ftehim jista' jkollu aktar minn sens wieħed jew aktar minn interpretazzjoni waħda, fid-dubju dan għandu jiġi mifhum fis-sens li jkun jaqbel l-iżjed man-natura u l-oġġett ta' dak il-ftehim (ara l-**Artikolu 1005 tal-Kodiċi Ċivili** u ***Clementino Caruana et v. Emanuel Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2002).

37. Minn ħarsa sħiħa lejn il-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 2019, il-Qorti jidhrilha li l-oġġett ewlieni wara dak il-ftehim ma kienx it-twaqqif ta' xi forma ta' sħubija bejn l-atturi Ciantar u l-konvenuti Pace, iżda t-trasferiment definittiv tal-liċenzja tal-pompa tal-petrol, li kienet tiġbor fiha l-awtorizzazzjoni kemm għall-ħażna kif ukoll għall-bejgħ tal-petrol.

38. Dan mhux biss joħroġ mill-kontenut tal-ftehim innifsu, (ara b'eżempju l-ewwel, it-tieni, u s-sitt klawsoli ta' Dok A f'paġni 5 sa 7 tal-atti tal-kawża), iżda aktar minn hekk joħroġ ukoll mix-xhieda ta' Ciantar stess.

39. Pereżempju, għalkemm fl-affidavit tiegħu l-attur Paul Ciantar oriġinarjament ipprova jagħti l-impressjoni li huwa kien ftiehem ma' Louis Pace *«li nkomplu nħaddmu l-pompa bi sħab»*, meta ġie biex jixhed fil-

kontroeżami, huwa reġġa' lura din il-verżjoni u qal *«Le le le bi sħab xejn»* (silta meħuda mill-kontroeżami ta' Paul Ciantar fuq id-dahar ta' paġna 347 tal-atti tal-kawża).

40. Fil-fehma tal-Qorti, l-estent ta' kemm l-oġġett wara l-ftehim inkwistjoni kien it-trasferiment tal-liċenzja, u mhux ukoll it-twaqqif ta' xi forma ta' sħubija bejn Ciantar u Pace fir-rigward tal-attivitajiet li dwarhom hija dik il-liċenzja, jista' wkoll jinstilet mill-mod ta' kif il-partijiet ġabu ruħhom matul is-snin wara l-iffirmar tal-ftehim inkwistjoni.

41. Ir-rilevanza ta' dan hija mfissra mill-awtur **Giorgi** li josserva: *«quando le parti contraenti abbiano eseguito una convenzione, il modo con cui l'hanno attuata chiarisce la loro volontà, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente e per l'avvenire»* (**Obbligazz. Vol. IV para 182**). Maqlub għall-Malti dan ifisser: li meta l-partijiet f'kuntratt ikunu bdew iwettqu l-ftehim, allura l-mod ta' kif dawn ikunu qegħdin iwettquh jixħet dawl tajjeb fuq x'kienet ir-rieda tagħhom, b'dana għalhekk li l-ftehim għandu jibqa' jiġi mwettaq bl-istess mod għall-bqija tal-kuntratt u għall-futur.

42. F'dan il-każ, kollox juri li mal-mixja taż-żmien, u dejjem sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet li dwarhom hija l-liċenzja inkwistjoni, jiġifieri l-bejgħ u l-ħażna tal-petrol, l-atturi Ciantar la kienu involuti fit-

tmexxija u lanqas f'xi forma ta' sħubija flimkien mal-konvenuti Pace.

43. Dwar dan huwa rilevanti li għalkemm Paul Ciantar qal li huwa kien imexxi l-pompa flimkien ma' Pace, dan però naqas għalkollox milli jissostanzja dak li qal b'xi provi konkreti. Bil-maqlub, huwa saħansitra stqarr li *«[l]-isħab tagħna Sur Imħallef kien illi <u>l-pompa tiġi kollha f'idejn Louis.</u>»* (ara l-kontroeżami ta' Paul Ciantar fuq id-dahar ta' paġna 344 tal-atti tal-kawża). Għalkemm veru li Ciantar ikkwalifika din l-istqarrija billi saħaq li huma kienu żammew l-avvjament, madankollu b'daqshekk dan ma jfissirx li l-atturi Ciantar kienu qegħdin iżommu xi forma ta' kontroll fuq Pace dwar il-liċenzja tal-bejgħ u l-ħażna tal-petrol.

44. Huwa wkoll ta' rilevanza li kemm l-attur Paul Ciantar stess, kif ukoll Louis Pace kkonfermaw li huma ma kinux jaqsmu bejniethom l-ispejjeż u l-profitti tan-negozju tal-bejgħ tal-petrol (ara l-kontroeżami ta' Paul Ciantar, f'paġna 347 tal-atti tal-kawża, u x-xhieda ta' Louis Pace fuq id-dahar ta' paġna 232 tal-atti tal-kawża). Louis Pace żied ukoll li huwa lanqas qatt ma ħallas xi *management fee* lil Ciantar u l-unika flus li qatt ħallas kienu biss b'rabta mal-prezz tal-liċenzja inkwistjoni (erġa' ara x-xhieda ta' Louis Pace fuq id-dahar ta' paġna 232 tal-atti tal-kawża).

45. Fihom infushom, dawn l-elementi jeskludu għalkollox li kien hemm xi forma ta' sħubija bejn Ciantar u Pace (ara f'dan is-sens ***Carmel sive***

***Charles Grech v. Sergio Manchè*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2016), u minn dan kollu jsegwi li l-oġġett tal-ftehim inkwistjoni ma seta' qatt kien it-twaqqif ta' sħubija jew xi forma ta' kontroll fuq il-liċenzja miksuba minn Pace.

46. Kollox għalhekk juri li l-oġġett wara l-ftehim inkwistjoni kien li min-naħa 'l waħda, il-konvenuti Pace jakkwistaw liċenzja sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attività tal-bejgħ u l-ħażna tal-petrol, filwaqt li min-naħa 'l-oħra, l-atturi Ciantar isarrfu l-valur ekonomiku ta' dik l-istess liċenzja fi flus kontanti.

47. Ġaladarba li l-oġġett ewlieni tal-ftehim inkwistjoni kien idur madwar it-trasferiment tal-liċenzja tal-pompa tal-petrol, is-silta li l-appellanti qegħdin jibnu l-każ tagħhom fuqha, għandha tinftiehem f'dan l-ispirtu u f'dan is-sens.

48. Fil-fehma tal-Qorti, meta s-silta li qegħdin jirreferu għaliha l-appellanti, tinqara kemm mill-perspettiva tal-oġġett li għalih sar il-ftehim inkwistjoni, kif ukoll fil-kuntest tal-bqija tal-kontenut ta' dak il-ftehim, jirriżulta li l-interpretazzjoni fejjieda hija dik tal-konvenuti u tal-imsejjaħ fil-kawża u mhux dik tal-atturi.

49. Il-Qorti qiegħda tasal għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa ta' dawn

ir-raġunijiet.

50. L-ewwel nett, minn qari sħiħ tat-tielet klawsola li tinsab fiha s-silta li l-atturi appellanti qegħdin jibnu l-każ tagħhom dwarha, jirriżulta li dik il-klawsola tfasslet b'riferenza għan-negozju li kien isir mill-garaxx biswit il-pompa tal-petrol, li kien jikkonsisti fil-bejgħ *«ta' prodotti petroliferi»,* kif ukoll ta' tyres u *spare parts* tal-karozzi, u mhux ukoll dwar il-ħażna u l-bejgħ tal-petrol mill-pompa, li kien isir minn fuq bankina tat-triq (ara dwar dan il-punt tal-aħħar kemm l-affidavit ta' Paul Ciantar u kif ukoll l-kontroeżami tal-istess xhud f'paġni 343 u 349 tal-atti tal-kawża).

51. Kemm hu hekk, f'dik l-istess klawsola, u sewwasew fis-sentenza li tiġi preċiżament wara s-silta li qegħdin jirreferu għaliha l-appellanti, tniżżel li ***«L-ebda tibdil strutturali ma jista' jsir <u>f'dan il-garage.</u>»***

52. Huwa wkoll rilevanti li fil-klawsola ta' wara, jiġifieri fir-raba' klawsola tal-ftehim inkwistjoni, il-partijiet irreferew għax-xiri tal-*«petrol»* u tal-*«prodotti petroliferi»* b'mod separat. Kif tifhimha din il-Qorti, tali distinzjoni, x'aktarx ma kinitx sejra ssir li kieku bil-frażi *«prodotti petroliferi»* il-partijiet kienu qegħdin jirreferu wkoll għall-prodott tal-petrol li kien jinbiegħ mill-pompa.

53. Barra minn hekk, f'kull parti tal-ftehim inkwistjoni li fih il-partijiet

riedu jirreferu għall-attività tal-ħażna tal-petrol u l-bejgħ tal-istess petrol mill-pompa, dawn għamluh b'mod speċifiku u dirett, bħal pereżempju fit-tmien klawsola, li fiha l-partijiet saħansitra rreferew għall-eżerċizzju tal-bejgħ u l-ħażna tal-petrol bil-frażi ***«da parti** tal-kompraturi.»*

54. Min-naħa 'l oħra, fil-klawsola li qegħdin jirreferu għaliha l-appellanti, ma hemm l-ebda riferenza lejn il-bejgħ u l-ħażna tal-petrol, u minflok saret biss referenza għal *«bejgħ ta' prodotti petroliferi.»*

55. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu juri kif il-klawsola inkwistjoni kienet qiegħda tirreferi għan-negozju li kien isir mill-garaxx biswit il-pompa u mhux għall-attività tal-bejgħ u l-ħażna tal-petrol li kienet ir-raġuni ewlenija li għaliha Pace xtraw il-liċenzja mingħand l-atturi appellanti.

56. Fl-aħħar mill-aħħar, anke l-attur Paul Ciantar stess, waqt li kien qiegħed jixhed fil-kontroeżami, ikkonċeda għal iktar minn darba, li r-riżerva jew il-kundizzjoni li tniżżlet fil-klawsola inkwistjoni ma kinitx b'rabta mal-liċenzja li kienet tinvolvi l-bejgħ u l-ħażna tal-petrol, iżda dwar il-bejgħ ta' affarijiet oħra li kien isir mill-garaxx, u li f'dak iż-żmien kien għadu jgħajjat lill-inkwilin Edgar Cassar (ara l-kontroeżami ta' Paul Ciantar, f'paġni 342 u 346 tal-atti tal-kawża).

57. Kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, l-ammissjoni ta' parti

f'kawża hija meqjusa bħala *«r-regina probationum»* (ara f'dan is-sens ***Il-Koordinatur Nazzjonali tal-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea v. Steven Attard*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2023), u ġaladarba Paul Ciantar stess qabel li l-kundizzjoni inkwistjoni ma kinitx b'rabta mal-liċenzja li biegħ lil Pace, mela allura huwa ma jistax issa jibqa' jinsisti li s-silta li qiegħed jirreferi għaliha mill-ftehim inkwistjoni kienet torbot lill-konvenuti Pace li jiksbu mingħandu u mingħand ibnu l-kunsens sabiex ikunu jistgħu jittrasferixxu, jew aħjar iċedu, dik il-liċenzja lil terzi.

58. Anke però li kieku stess Paul Ciantar ma kellux jagħmel dik l-istqarrija, xorta waħda jibqa' l-fatt, li bil-maqlub għal dak li qegħdin jargumentaw l-appellanti, fil-ftehim inkwistjoni ma hemm l-ebda klawsola speċifika li fiha huma rriżervaw bl-iswed fuq l-abjad xi jeddijiet speċifiċi fuq il-liċenzja li biegħu lil Pace, fosthom dik li Pace ma setgħux iċedu jew ibiegħu dik il-liċenzja lil terzi jekk mhux bi qbil magħhom.

59. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-partijiet f'din il-kawża huma kummerċjanti u ġaladarba huwa wkoll ċar li l-partijiet riedu jniżżlu dak kollu li ftehmu dwaru bil-mezz tal-kitba (ara f'dan is-sens it-tielet paragrafu tal-affidavit ta' Paul Ciantar) għandha tgħodd bis-sħiħ il-preżunzjoni *iuris et de iure* li nsibu fl-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**.

60. Skont l-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** ġaladarba l-partijiet

ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, huwa preżunt b'mod li ma jistax jitwaqqa' li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

61. F'dan il-kuntest, il-Qrati tagħna kemm-il darba tennew li meta jirriżulta illi l-partijiet riedu jħejju l-ftehim tagħhom bil-miktub hemm preżunzjoni *iuris et de iure* li din il-forma kienet meħtieġa *ad validitatem*.

62. Hekk pereżempju fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Giuseppe Vella Gatt et v. Giuseppe Darmanin et***, Appell Kummerċjali tat-23 ta' Novembru 1956, intqal illi l-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, *«joħloq preżunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiża li għandu jiġi redatt bil-miktub, u l-iskrittura mbagħad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; għax meta ġie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jiġi mniżżel bil-miktub, hu preżunt li l-partijiet riedu jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris ta' dik il-formalità.»*

63. Fl-istess deċiżjoni ssokta jingħad fuq it-tagħlim awtorevoli tal-**Vivante** u tal-ħsieb riċerkat mid-dibattiti parlamentari (Vol. 21 tas-sena 1932 – 33), illi: *«l-preżunzjoni mhix iuris tantum imma iuris et de iure, u hija intiża biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi, b'mod li dik il-preżunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali»* (ara wkoll fuq dan is-suġġett is-sentenzi ***CaterGroup***

***Limited v. Baketech Supplies & Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 2024 u ***Robert Pace Bonello et v. Malta Hotels and Restaurants Association*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 2010).

64. Li jħoll u jorbot kollox huwa għalhekk dak biss li tniżżel fil-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994, u ġaladarba hemmhekk ma tniżżlet l-ebda klawsola speċifika li biha l-konvenuti appellati Pace nżammu milli jbiegħu l-liċenzja inkwistjoni lil terzi, l-atturi appellanti ma jistgħux issa jiġu jippretendu li Pace kellhom jiksbu l-kunsens tagħhom sabiex ibiegħu dik il-liċenzja lill-imsejjaħ fil-kawża Mario Xerri. Wisq inqas li l-appellanti Ciantar ma jistgħu jippretendu li għandhom xi jedd għal sehem mid-dħul miksub minn Pace fuq il-bejgħ ta' dik l-istess liċenzja (ara l-aħħar paragrafu tal-affidavit ta' Paul Ciantar, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Paul u Jeremy Ciantar f'paġna 360 tal-atti tal-kawża).

65. L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti mhuwiex għalhekk mistħoqq, u fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet kollha qiegħed jiġi miċħud.

66. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-atturi appellanti qegħdin imbagħad jilmentaw li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi. Jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti qalet li ma kien hemm l-ebda prova li setgħet twassalha biex tikkonkludi li kien hemm xi

kundizzjoni impliċita bħalma qegħdin jallegaw huma, u f'dan ir-rigward jisħqu li l-kundizzjoni li l-liċenzja ma tiġix trasferita lil terzi mhijiex impliċita iżda hija espressament miftiehma bejn il-partijiet. Ifissru wkoll li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija b'kontradizzjoni ma' dak li hemm imniżżel b'mod espress fil-kitba tat-18 ta' Awwissu, 1994.

67. Fil-fehma tal-Qorti lanqas dan l-aggravju ma huwa fejjiedi.

68. Kif qiegħed jgħid sewwa l-konvenut appellat Nathan Bartolo, dan l-aggravju huwa biss riformulazzjoni mill-ġdid tal-ewwel aggravju, u fih ma qiegħed jingħad xejn ġdid li din il-Qorti ma qisietx fl-istħarriġ tagħha b'rabta mal-ewwel aggravju.

69. Għalkemm l-appellanti qegħdin jgħidu li l-Ewwel Qorti wasslet għal konklużjoni żbaljata fuq apprezzament ħażin tal-provi, l-unika prova li qiegħda ssir riferenza għaliha f'dan l-aggravju hija biss lejn il-kopja tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994.

70. Diġà rajna li l-ftehim li qegħdin jirreferu għalih l-appellanti ma kienx iżomm lill-miżżewġin Pace milli jittrasferixxu jew iċedu l-liċenzja li xtraw mingħand Ciantar lil terzi, u għall-istess konsiderazzjonijiet li ngħataw b'rabta mal-ewwel aggravju, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

71. Jifdal biss **it-tielet aggravju** li huwa dwar dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li fiha ħelset lill-appellati Nathan Bartolo u Mario Xuereb mill-ħarsien tal-ġudizzju, fuq ir-raġunament li ġaladarba dawn ma kinux parti mill-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994, dak il-ftehim ma seta' joħloq l-ebda obbligazzjoni fil-konfront tagħhom.

72. Jargumentaw li anke hawnhekk l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-provi għaliex meta wieħed iqis iċ-ċifra daqstant kbira li Bartolo u Xuereb ħallsu għall-kisba tal-liċenzja inkwistjoni, dawn bilfors li kellhom jagħmlu xi riċerki biex jaraw jekk kienx hemm xi individwi oħra li kienu involuti, qabel ma qabdu u ħarġu dawk il-flejjes.

73. Sfiq ma' dan, l-appellanti jirreferu wkoll għall-affidavit ta' Paul Ciantar li fih dan fisser kif huwa kien bagħat bosta ittri lill-MEPA u lill-ERA, u jirraġunaw li minn dik il-korrispondenza jidher kif ma jistax ikun li Bartolo u Xuereb mhumiex responsabbli flimkien mal-konvenut Pace.

74. Bħall-aggravji ta' qablu, dan l-aggravju lanqas ma jista' jkun ta' xi fejda għall-appellanti.

75. Ġaladarba fil-konsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju għadna kif rajna li l-konvenuti Pace ma kinux marbutin li jiksbu xi awtorizzazzjoni mingħand l-atturi Ciantar sabiex ikunu jistgħu

jittrasferixxu jew iċedu l-liċenzja inkwistjoni lil terzi, mela allura, daqshekk ieħor li Xuereb u Bartolo ma kellhom xejn xi jżommhom milli jakkwistaw il-liċenzja ta' Pace mingħajr il-barka tal-atturi Ciantar.

76. Wara kollox, mill-provi u speċifikatament mill-kopja tal-ftehim bil-miktub li sar bejn Louis Pace u Mario Xuereb (ara Dok PL1 f'paġna 197 tal-atti tal-kawża), jirriżulta li dak li xtara Xuereb mingħand Pace kien sempliċement il-liċenzja, u mhux ukoll l-avvjament li żammew Ciantar fis-sitt klawsola tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu, 1994.

77. L-avvjament u l-liċenzja mhumiex l-istess ħaġa u mbilli wieħed jikseb liċenzja ma jfissirx li jkun qiegħed ukoll jikseb l-avvjament (ara ***Nikolina Bugeja v. Pawla Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' April, 2003.

78. Barra minn hekk huwa wkoll miżmum fil-ġurisprudenza li dak li juru l-liċenzji huwa biss min huwa responsabbli quddiem l-awtoritajiet, u mhux ukoll it-titolarità tan-negozju (ara ***Rosario Gatt et v. Michael Micallef et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2002).

79. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-konvenut Nathan Bartolo, il-Qorti tosserva li fil-verità, in-negozju li dan għamel ma' Xuereb, ma sarx f'ismu personali iżda f'isem il-kumpanija Bilom Service Station Limited, li

mhijiex parti minn din il-kawża (ara Dok NB1, Dok MMS1, Dok MMS6, f'paġni 200, 257, u 319 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ix-xhieda tar-rappreżentant tar-REWS, Miriam Micallef Sultana, f'paġni 247 u 256 tal-atti tal-kawża).

80. Minħabba dak li nsibu fl-**Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji**, Nathan Bartolo ma kiseb xejn fuq ismu, u din tal-aħħar hija raġuni oħra flimkien mar-raġunijiet kollha li ngħataw għalfejn il-pretensjonijiet tal-appellanti lanqas ma jistgħu jirnexxu kontra l-konvenut appellat Bartolo.

81. Tħares minn fejn tħares, l-aħħar aggravju tal-atturi appellanti lanqas mhuwa għalhekk mistħoqq u fid-dawl ta' dan kollu l-appell tal-atturi Paul u Jeremy Ciantar sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud.

82. Għalkemm il-Qorti għadha kif warrbet l-aggravji kollha tal-atturi appellanti, b'daqshekk il-Qorti xorta waħda ma jidhrilhiex li għandha timponi fuqhom is-sanzjoni tal-ispejjeż għal darbtejn kif mitluba mill-appellati, u dan għar-raġuni li l-kwistjoni f'dan il-każ kienet iddur madwar l-interpretazzjoni ta' kuntratt, li kif rajna ma kienx daqshekk ċar u seta' inkiteb aħjar.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-atturi Paul u Jeremy Ciantar, u għalhekk qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox.

L-ispejjeż b'rabta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-atturi appellanti Paul u Jeremy Ciantar.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da